# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 358/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Leon Borg**

Seduta tal-1 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Leon Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 4897M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Gunju, 2017 u fil granet ta' qabel gewwa Birkirkara u f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin:-

1. Harab mill-kustodja tal-Pulizija;

2. Kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr. A. Bugeja LL.D. fid-digriet taghha datat 27 ta' Dicembru, 2016 li bih l-imputat m'ghandux jaghmel reat iehor ta' natura volontarja, li naqas illi jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn it-8:00Hrs u s-18:00Hrs, illi jirrisjedi fl-indirizz tar-residenza t'ommu No 4, Blue Coral Mansions, New Street in J. Quintinus Str, Qawra u li jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process.

3. Kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet taghha datat 29 ta' Lulju, 2016 li bih l-imputat m'ghandux jaghmel reat iehor ta' natura volontarja, u li jirrapporta fl-Ghassa ta' Birkirkara, kuljum bejn 08am u 07pm.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Awwissu, 2017 li biha wara li rat l-Artikoli 17 (b) (h), 151, 160 u 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat **Leon Borg** hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija u ordnat l-konfiska tal-garanzija personali naxxenti mid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D. (Dok. ET6) ghas-somma ta' hdax il-elf ewro (€11,000) favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti imponiet wkoll fuq l-appellant Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 u taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u sabiex jitqabbad Ufficjal tal-Probation sabiex ikun jista' jkun assistit skond il-kaz u dik l-ordni kellha tibqa' ssehh tul it-terminu tal-prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant Leon Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Awwissu, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti

**tibdel** is-sentenza appellata billi **thassarha** f'dik il-parti li biha sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena dwarha; **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni; **tibdilha** kwantu l-piena erogata dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minflok tapplika l-provizo tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali b'piena aktar ekwa u gusta; u b'mod sussidjarju f'kaz ta' cahda tal-ewwel talba, timponi piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda s-sejbien ta' htija tieghu dwar l-ewwel imputazzjoni, dik tal-harba tieghu mill-kustodja tal-Pulizija u jargumenta illi l-artikolu tal-ligi li dwaru instab hati ma kienx applikabbli ghall-fatti in ispeci. Mill-atti processwali jemergi mhux kontradett illi l-appellant kien naqas milli jiffirma l-ghassa kif obligat b'digriet ta' helsien mill-arrest u aktar tard irrizulta li naqas ghaliex kien marid, l-Pulizija ghaddiet ghall-arrest tieghu u ttiehed l-ghassa ta' Birkirkara. Hemmhekk iddecieda li jitlaq u ghalhekk qabad u hareg minn tieqa. L-appellant qieghed jargumenta illi l-azzjoni tieghu, il-harba minn ghassa tal-Pulizija, ma tiksirx id-disposizzjoni tal-ligi li dwarha sabitu hati l-ewwel Qorti u dan ghaliex ma huwiex wiehed mill-persuni msemmija fl-artikolu 151 u l-lok minn fejn harab ma huwiex wiehed minn dawk imsemmija fl-istess artikolu;

2. L-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi "*Kull ikkundannat u kull prigunier iehor li jinsab hati ta' harba semplici mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena".* Skond il-proviso ta' dan l-artikolu "prigunier" tfisser "kull persuna li tkun mizmuma f'habs u tinkludi prigunier filwaqt li jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor jew filwaqt li jkun qieghed taht kura jew osservazzjoni f'xi sptar. L-artikolu 152, imbaghad jipprovdi ghall-piena akbar jekk il-harba ssir bi vjolenza fuq xi persuna jew bi ksur tal-postijiet fuq imsemmija. Il-fatti tal-kaz in dizamina, almenu sa dan il-punt, ma jirrafigurawx ir-reat ipotizzat fl-artikolu 151 u dan ghaliex l-appellant la kien "persuna ikkundannata" u anqas "prigunier" fil-mument tal-harba u inoltre, l-ghassa ta' Birkirkara ma tikwalifikax bhala habs jew post ta' kura;

3. L-artikolu 160 , izda, jipprovdi li "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inkluzivament ighoddu fil-kaz ta' harba ta' persuni, mizmumin skond il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom". L-ewwel Qorti applikat dan l-artikolu sabiex b'hekk sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 151 izda l-appellant ma jaqbilx ma' dan ghaliex fin-nuqqas ta' tifsir tal-kliem "lok mahtur ghall-kustodja" ghandha ssir referenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 9.08. L-Avviz Legali 437 tal-2003 (LS 9.09) jiddenomina s-segwenti postijiet bhala postijiet ta' detenzzjoni ghall-ghanijiet tal-Kodici Kriminali: Il-*lock-up* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana; il-*lock-up* fil-bini fejn jinsabu l-Qrati tal-Gustizzja fil-Belt Valletta; u il-*lock-up* fil-bini fejn tinsab it-taqsima amministrattiva tal-Pulizija, Victoria, Ghawdex. L-ghassa ta' Birkirkara mhix wahda mill-postijiet msemmija fl-Avviz Legali appena citat;

4. Issa, l-artikolu 151 kien l-ahhar emendat fl-1999 b'sostituzzjoni tal-artikolu precedenti. L-artikolu 160 baqa' mhux mibdul kif introdott fl-1903. Dan ifisser illi l-legislatur ma rraviza ebda htiega ta' tibdil fl-artikolu 151 biex fih jinkludi persuni suspettati ta' kommissjoni ta' reat, mhux mizmuma f'habs, li jaharbu minn ghassa tal-Pulizija jew mill-kustodja ta' persuna nkarigata mill-kustodja taghhom. Il-Professur Sir Anthony Mamo, Notes on Criminal Law – revised Edition 1954 – 1955 a fol 113, meta jiccita lil Roberti u lill-Carrara jghid hekk: "*Our law is fully in accordance with this doctrine. It does not visitwith any punishment the simple escape from places of confiement of persons who are under arrest or in custody but not yet condemned by a sentence of a competent court.* [ din tal-ahhar mhix strettament konformni mal-artikolu 151]. *This clearly emerges from sec. 149 Criminal Code which deals with the crime of simple escape and limits it only to "<u>any person under sentence". (v. Rex vs Mercieca 25/4/1924; "Law Reports Vol XXV Part IV p. 8671; Criminal Appeal: "Police vs Sacco 28/12/1942)</u>".* L-appellant ghalhekk ghandu ragun u ma setghax jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni anke jekk l-azzjoni tieghu setghet taghti lok ghal ksur ta' disposizzjonijiet ohra taht il-Kodici Kriminali;

5. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jilmenta mis-sejbien ta' htija kwantu t-tieni u t-tielet imputazzjoni. Minkejja dan, huwa talab il-konferma tas-sentenza fejn din sabitu hati tal-istess tieni u t-tielet imputazzjoni u ghalhekk ikun inutili ezami tal-aggravju u tas-sentenza in rigward hlief kif ser jinghad aktar 'l isfel;

6. It-tielet aggravju jitratta dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u talab li tkun mibdula f'wahda aktar miti tenut n-natura minima tar-reat in kwistjoni. L-appellant kien qed jistrieh primarjament fuq il-fatt li ma kellux jinstab hati tar-reat tal-harba mill-kustodja. L-ewwel Qorti irrikonoxxiet il-fatt illi ma kienx pruvat li l-imputat kien biddel r-residenza tieghu, minkejja li sabitu hati ta' dan il-fatt, u ghalhekk

jifdal biss il-kwistjoni li naqas li jiffirma l-ghassa tal-Qawra u li jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'zewg kawzi separati kif obbligat bid-digriet tal-helsien mill-arrest. Dwar dan, l-appellant kien esebixxa certifikat mediku quddiem l-ewwel Qorti biex juri li kien marid bejn it-tlettax u l-ghoxrin ta' Gunju 2017. Din id-durata tkopri sia s-seduta tal-Qorti li kellu jidher fiha kif ukoll id-dati li fihom naqas milli jiffirma l-ghassa tal-Pulizija. Minkejja dan, l-ewwel Qorti sabet htija u idejn din il-Qorti issa huma marbuta bit-talba tal-appellant stess biex issib htija fit-tieni u t-tielet imputazzjoni. Sabiex issir gustizzja mal-appellant fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti qed tqis in-nuqqas tieghu bhala wiehed ta' konsegwenzi zghar skont il-provizo tal-artikolu 579 (1) u dan minghajr ma tnehhi mis-serjeta ta' nuqqas li imputat ma jiffirmax jew ma jattendix ghas-seduti tal-Qorti minghajr skuzanti skond il-ligi;

7. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull htija dwarha; tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni; thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur, ordnat il-konfiska tal-garanzija fl-ammont ta' €11,000 u fejn imponiet Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap 9 u taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €500.